Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 138 / 2019

Il-Pulizja

Spettur Mark Galea

Spettur Robinson Mifsud

Vs

Antonio Ricci

Illum 14 ta' Gunju, 2019

Il-Qorti,

Rat li l-Pulizija ressqu lil appellant Antonio Ricci, detenur tad-dokument ta' residenza Maltija bin-numru MT 4555514 (0054768A) quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Istruttorja (Fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejjha l-Qorti Rimandanti) wara il-hrug ta' allert taht is-Sistema ta' Informazzjonni ta' Schengen ghall-finijiet ta' estradizzjoni datat is-7 ta' Frar, 2019, kif ukoll il-hrug ta' mandat ta' arrest Ewropew mahrug b'rikjest mill-Pre-Trial Investigation Judge Mrs Caterina Catalano fil Qorti ta' Reggio Calabrija Italja, datat id-29 ta' Jannar 2019 u l-hrug tac-ceritfikati tal-Avukat Generali datat id-19 ta' April, 2019 ai termini tal-Artikoli 6A u 7 tal-Liġi Sussidjarja 276.05 fejn gieipprezentat taht arrest Antonio Ricci li huwa mfittex mill-awtoritajiet gudizzjarji tar-Repubblika Taljana, pajjiz skedat ai fini tal-Artikolu 5 tal-Ligi Sussidjarja 276.05 ghall-finijiet ta' prosekuzzjoni.

Il-Qorti giet mitluba li tipprocedi fil-konfront ta' RICCI Antonio ai termini tal-artikoli u disposizizzjonijiet tal-Kap 276 tal-Ligijiet ta' Malta dwar l-estradizzjoni u l-Ligi Sussidjarja 276.05;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Isturttorja (Fl-Att dwar l-Estradizzjoni msejha l-Qorti Rimandanti) ta' nhar tad-9 ta' Mejju, 2019, fejn il-Qorti iddeciediet li r-rekwiziti kollha kif stipulati bir-regolament 59 (3) tal-Ordni huma ghal kollox soddisfatti u ghalhekk ir-reat, li dwaru intalbet it-treggija, jikkostitwixxi reat ta' estradizzjoni.

Illi ma giet sollevata ebda raguni msemmija fir-regolament 13 tal-Ordni li tammonta ghall-impediment ghall-estradizzjoni ('*bar to extradition*').

Ghaldaqstant ai termini tar-regolament 24 tal-Ordni -

Ordnat li l-estradand ghandu jinzamm taht kustodja fi stennija ghat-treggiegh lura tieghu lejn l-Italja, il-pajjiz skedat fejn inhareg il-mandat.

Din l-ordni ghal-kustodja tal-estradand saret bil-kundizzjoni li l-estradizzjoni tal-estradand lejn l-Italja tkun soggetta dejjem ghall-"*law of speciality*" ossija in konnessjoni mar-reat addebitat lilu fil-Mandat t'Arrest Ewropew li abbazi tieghu saru dawn il-proceduri, u msemmi fir-regolament 18 tal-Ordni.

Il-Qorti, ai termini tar-regolament 25 tal-Ordni moqri flimkien mal-Artikolu 16 tal-Att dwar l-Estradizzjoni, Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta Malta, informat lill-estradand li:

a. M' huwiex ser jigi mregga' lura lejn l-Italja qabel ma jghaddu sebat ijiem mid-data ta' din l-ordni ta' kustodja;

b. Ghandu dritt li jinterponi appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali minn din l-ordni;

c. jekk jidhirlu li xi wiehed mid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 10(1) u (2) tal-Att dwar l-Estradizzjoni, Kapitolu 276 tal-Ligijiet ta Malta, gie miksur jew li xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja hija, tkun giet jew x'aktarx tkun sejra tigi miksura dwar il-persuna tieghu hekk li tkun gustifikata r-revoka, l-annullament jew il-modifika tal-ordni tal-kustodja tal-qorti, huwa ghandu jedd titlob rimedju skont id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 46 tal-istess Kostituzzjoni jew tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja skont il-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellanti Antonio Ricci, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-15 ta' Mejju, 2019, fejn interpona appell mis-sentenza tad-9 ta' Mejju, 2019 tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti rimandanti fl-ismijiet premessi u mid-digrieti tal-istess Qorti tat-2 ta' Mejju, 2019 u tad-9 ta' Mejju, 2019 u talab lil din l-Onorabbli joghgobha tannulla l-imsemmija decizjonijiet jew, alternattivament, tirrevoka l-ordni ta' estradizzjoni lejn l-Italja.

Rat illi l-aggravi huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:-

**a. <u>Dwar ir-rikuza</u>**

Illi l-ewwel aggravju jikkonsisti fil-fatt li kien evidenti li l-Onor Magistrat Dr Donatella Frendo Dimech ma kellha qatt tiddeciedi dan il-kaz in kwantu, meta bdiet l-investigazzjoni gewwa l-Italja meritu ta' din it-talba ghall-estradizzjoni, l-awtoritajiet Taljani kienu talbu ghall-assistenza ta' l-Ufficcju ta' l-Avukat Generali fiz-zmien meta hija kienet tokkupa l-kariga ta' Deputat Avukat Generali.

Illi l-esponent kien, wara li sar jaf b'dan il-fatt, permezz ta' rikors ipprezentat fit-30 ta' April, 2019 (*a fols* 49 u 50), talab ghar-rikuza ta' l-Onor. Magistrat imsemmija. Permezz ta' digriet tat-2 ta' Mejju, 2019, il-Qorti tal-Magistrati cahdet din it-talba ta' l-esponent (*vide fols* 63 sa 65).

Illi dan id-digriet huwa monk peress li huwa msejjes fuq informazzjoni altament parzjali moghtija *a voce* mill-avversarju fil-proceduri ta' l-esponent minghajr dokumentazzjoni in sostenn u minghajr il-possibilita` li tali informazzjoni tigi kontrollata. Id-digriet huwa monk ghaliex huwa msejjes fuq is-suppost dikjarazzjoni maghmula mill-avukat Dr Matthew Xuereb fis-sens li l-esponent ma iffigura f'ebda *records* mizmuma mill-Avukat Generali. Bilkemm hemm ghalfejn jinghad li t-talba ta' l-esponent tipprexxindi kompletament mis-suppost indikazzjoni ta' ismu fir-*records* ta' l-avversarju tieghu fil-proceduri. It-talba tieghu ghar-rikuza ta' l-Onor. Magistrat sedenti kienet imsejjsa fuq il-fatt li fi zmien li nbdiet l-investigazzjoni tal-kaz gewwa l-Italja u kienet intalbet l-assistenza ta' l-awtoritajiet Maltin, l-Onor. Magistrat sedenti kienet tokkupa l-kariga ta' Deputat Avukat Generali u kienet ir-rapprezentanta Maltija fil-Eurojust u ghalhekk huwa straevidenti li kienet direttament involuta f'din l-assistenza moghtija lill-istess awtoritajiet Taljani li llum qieghdin jitolbu l-estradizzjoni tieghu.

Illi fl-istess digriet tat-2 ta' Mejju, 2019, il-Qorti tal-Magistrati rrilevat li r-rwol taghha bhala qorti rimandanti ma kienx li tiddeciedi dwar il-htija o meno ta' l-esponent izda kien limitat ghad-decizjoni dwar jekk jezistux il-presupposti legali sabiex l-estradant jitregga' lura lejn il-pajjiz rikjendenti. F'dan ir-rigward l-esponent jaghmel zewg osservazzjonijiet. Fl-ewwel lok jigi rilevat li l-presupposti legali f'dan il-kaz sabiex l-esponent jitregga' lura lejn l-Italja huma kontestati kif jirrizulta kemm mis-sentenza appellata kif ukoll minn aggravji ohra f'dan ir-rikors ta' l-appell. Ghalhekk il-prezenza ta' gudikant imparzjali kien altru minn essenzjali. Fit-tieni lok, ir-rwol tal-qorti rimandanti ma jista' qatt jipprexxindi mid-drittijiet fondamentali u l-principji ta' gustizzja naturali. Il-gudikant f'dawn il-proceduri ghandu jkun dejjem imparzjali u jekk il-Qorti tal-Magistrati, fl-osservazzjonijiet taghha, qed tinsinwa li l-imparzjalita` ma hijiex strettament necessarja fi proceduri bhal dawn, allura l-esponent minghajr tlaqliq jiddikjara li ma jaqbilx.

Illi l-procedura ta' Mandat ta' Arrest Ewropew hija wahda drakonjana ghall-ahhar. Huwa ghalhekk aktar u <u>mhux inqas</u> essenzjali li d-drittijiet ta' l-estradant

li jkun ma jigux kalpestati. Fost dawn il-ftit drittijiet hemm dak ta' zewg stadji ta' proceduri quddiem il-qrati ta' gurisdizzjoni ordinarja u l-parzjalita` lampanti f'wiehed minn dawn l-istadji ma tistax tigi biss rimedjata b'imparzjalita` fl-istadju ta' l-appell. Fl-eventwalita` li jintlaqa' dan l-aggravju l-esponent qieghed jitlob li l-kawza terga' tintbaghat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti rimandanti sabiex, bl-ghajnuna tal-legali tieghu, ikollu smigh imparzjali anke fl-ewwel istanza ta' dawn il-proceduri.

**b. <u>Dwar il-komportament tas-Sedja</u>**

Illi t-tieni aggravju jirrigwarda l-komportament ta' l-Onor. Magistrat li ppresjediet il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti rimandanti. Jinghad bl-akbar rispett li kien evidenti immedjatament kif il-kawza giet assenjata lilha li l-Qorti assumiet ir-rwol ta' prosekutur u dderigiet lill-prosekuzzjoni dwar il-procedura li kellha tigi adottata. Matul dawn il-proceduri, il-Qorti kostantement irrimarkat fuq il-mankanzi fil-Mandat ta' Arrest Ewropew u addirittura dderigiet lill-prosekuzzjoni sabiex tottjeni dokumenti korrettorji u dikjarazzjonijiet ohra.

Illi ghandu jigi rilevat li tali komportament jirrizulta anke mill-verbal tat-2 ta' Mejju, 2019 fejn il-Qorti, wara li ddikjarat li l-Mandat ta' Arrest Ewropew kien kontradittorju, esigiet ghal dikjarazzjoni tas-*Central Authority* Taljana sabiex tinnewtralizza wahda mid-difizi krucjali ta' l-esponent (*vide* l-ahhar zewg paragrafi *a fol* 54). Jigi rilevat li ma huwiex ir-rwol tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala qorti rimandanti, u del resto ta' ebda qorti ta' gurisdizzjoni kriminali, li tilqa' ghall-mankanzi tal-prosekuzzjoni sabiex tinnewtralizza d-difizi ta' l-estradant li jkun.

Illi l-ezempju migjub huwa biss wiehed minn sensiela ta' cirkostanzi fejn tali agir irrizulta b'mod manifest. L-esponent ghalhekk jitlob, sabiex jigu evitati diskussjonijiet dwar dak li effettivament sehh, li din l-Onorabbli Qorti tordna li jigu prodotti r-*recordings* tas-seduti kollha sabiex tkun fl-ahjar posizzjoni li tiggudika dwar dak sottomess f'dan l-aggravju.

Illi ezempju iehor huwa l-agir ta' l-Onor Magistrat sedenti kien meta l-avukati sottoffirmati kkomunikaw ma' l-avukat Taljan ta' l-esponent li kien qieghed hawn Malta ghas-seduta tas-6 ta' Mejju, 2019. Il-Qorti kkummentat negattivament dwar il-prezenza tieghu fl-awla (sic!) u, iktar tard, addirittura waqfithu milli jikkomunika ma' l-avukati sottoffirmati minghajr ma tat raguni ghal dan.

**c. <u>Dwar riferenza lil Qorti ta' Gustizzja tal-Komunitajiet Ewropej</u>**

Illi t-tielet aggravju jittratta l-fatt li l-ewwel Qorti cahdet it-talba maghmula mil-estradant permezz ta' rikors ippresentat nhar it-2 ta' Mejju, 2019 [*a fol* 75] li ssir riferenza ghal-Qorti ta' Gustizzja tal-Komunitajiet Ewropej in konnessjoni mal-inkorporazzjoni tal-artikolu 18 tad-Decizjoni Kwadru tal-Kunsill ta' nhar it-13 ta' Gunju, 2002 [2002/584/JHA] fil-ligi nostrana.

Illi, ai fini ta' kjarezza ta' hsieb, sejrin jigu riprodotti fl-intier taghhom fit-test Ingliz l-artikolu nostran 31A tal-Avviz Legali 320 tas-sena 2004 u l-artikolu 18 tad-Decizjoni Kwadru tal-Kunsill ta' nhar it-13 ta' Gunju 2002 [2002/584/JHA].

L-artikolu 31A intitolat "*request by scheduled country to hear person*" jghid hekk:

**"31A.(1) This article applies if at any time in the course of the extradition hearing the court is informed that a request has been received from the judicial authority of the scheduled country to hear the person in respect of whom the Part II warrant is issued.**

**(2)The court shall decide, after consulting the Attorney General, whether –**

> **(a) to temporarily transfer the person requested to the requesting country under such conditions and for such period as may be agreed, with the concurrence of the Attorney General, with the requesting judicial authority; and**

**(b) to order that the request shall be communicated to a magistrate for execution whereupon the provisions of article 649(1) and (6) of the Criminal Code shall apply."**

L-artikolu 18 tad-Decizjoni Kwadru jghid hekk:

**"1. Where the European arrest warrant has been issued for the purpose of conducting a criminal prosecution, the executing judicial authority must:**

**(a) either agree that the requested person should be heard according to Article 19;**

**(b) or agree to the temporary transfer of the requested person.**

**2. The conditions and the duration of the temporary transfer shall be determined by mutual agreement between the issuing and executing judicial authorities.**

**3. In the case of temporary transfer, the person must be able to return to the executing Member State to attend hearings concerning him or her as part of the surrender procedure."**

Illi huwa palezi u ultra milli ovvju li meta fid-Decizjoni Kwadru ssir riferenza ghal *executing judicial authority*, din l-entita` hija misjuba fil-pajjiz fejn gie arrestat il-persuna kontra min inhareg il-Mandat ta' Arrest Ewropew. Kwindi jinkombi fuq l-istat ta' Malta li twettaq jew l-opzjoni fil-paragrafu (a) jew (b) tal-artikolu 18 imsemmi.

Illi, pero`, meta wiehed jaqra l-artikolu 18 tad-Decizjoni u jfittex il-korrispettiv ta' dan l-artikolu fil-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05, fl-umli fehma tal-esponent, jemergi bic-car li l-inkorporazzjoni tal-artikolu 18 fil-ligi nostrana qalbet ghal kollox tali obbligu billi fil-mument ta' traspozizzjoni Malta accettat dan l-istat ta' dritt biss meta ssirilha talba f'dan is-sens mill-*issuing state*. It-test tad-Decizjoni Kwadru msemmija fil-lingwa Maltija hekk kif pubblikat fil-Gurnal Ufficjali tal-Unjoni Ewropea ma jhallix l-icken dubbju.

Bil-fatt wahdani li l-ewwel Qorti, minflok ma rriferiet lil-Qorti ta' Gustizzja tal-Komuntiajiet Ewropej il-kwezit imqajjem, ghaddiet sabiex spjegat kif skond hi, "Malta ttrammandat korrettament id-dispozizzjoni tal-artikoli 18 u 19 tad-Decizjoni Kwadru[1]", aktar kompla jikser id-dritt tal-esponent ghal smigh xieraq, tenut kont tal-fatt li l-gudikant li ghadda tali "gudizzju fuq Malta" <u>kienet il-persuna naturali li abbozzat tali emenda!</u>

Ghaldaqstant l-esponent permezz ta' dana l-umli appell qieghed jinterponi appell ukoll min dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti cahdet it-talba ghal riferenza u permezz ta' dana l-aggravju l-esponent jibqa jishaq u jinsisti ghal riferenza lill-Qorti ta' Gustizzja tal-Komunitajiet Ewropej.

**d. <u>Dwar il-pozizzjoni ta' suspettat jew imputat</u>**

Illi r-raba' aggravju jikkonsisti fil-fatt li huwa evidenti li l-esponent ma huwiex rikjest ghat-tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali skond it-tifsira tas-subinciz (4) ta' l-artikolu 5 ta' l-Ordni.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet ***<u>Il-Pulizija v. Philip Mifsud</u>*** *(25.11.2013)*, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kienet qalet li Mandat ta' Arrest Ewropew mahrug mill-awtoritajiet Taljani ghal *ordinanza di custodia cautelare*, kif inhu l-mandat fil-kaz in dizamina, ma kienx jghaddi t-test tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 5 ta' l-Ordni qabel l-emenda introdotta permezz ta' l-Avviz Legali 421 ta' l-2013. Il-Qorti kompliet tosserva li hu car li f'dak l-istadju l-persuna tkun ghadha persuna indagata u mhux akkuzata. Meta tinghalaq l-investigazzjoni u jinhareg Mandat ta' Arrest Ewropew ghal *rinvio a giudizio* ma jkun hemm ebda ostakolu ghat-trasferiment tas-suggett fil-pajjiz rikjedent.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet ***<u>The Police v. Johan Germaine Corneille Van Oudenhove</u>*** *(22.11.2016)*, il-Qorti qalet bil-kliem introdotti bl-imsemmi Avviz Legali "*ghall-finijiet tat-tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali*", il-posizjoni ma

[1] *A fol* 144.

nbidlitx u estradizzjoni ma tistax issir ghall-finijiet ta' investigazzjoni mill-pajjiz rikjedent.

Illi huwa evidenti mill-kliem uzat f'diversi partijiet tal-Mandat ta' Arrest Ewropew li l-esponent huwa rikjest mill-Italja ghall-finijiet ta' investigazzjoni u mhux ta' prosekuzzjoni. Meta l-pajjiz rikjedent, b'mod skorrett, jasserixxi li estradant huwa rikjest ghall-finijiet tat-tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali, il-qorti rimandanti ghandha tissindaka tali dikjarazzjoni meta jkun evidenti li tali dikjarazzjoni hija kontradetta mill-istess Mandat ta' Arrest Ewropew.

Illi, jekk qatt kien hemm bzonn, l-artikolu 34(2 bis) tal-Kodici Penali Taljan javvalla kompletament din it-tezi in kwantu jghid hekk:

**"Il giudice che nel medesimo procedimento ha esercitato funzioni di giudice per le indagini preliminari non può emettere il decreto penale di condanna, né tenere l'udienza preliminare; inoltre, anche fuori dei casi previsti dal comma 2, non può partecipare al giudizio".**

Illi, ghalhekk, huwa fatt gravi hafna li l-Qorti tal-Magistrati injorat it-talba maghmula mill-esponent permezz ta' rikors prezentat fit-30 ta' April, 2019 (*a fol* 51-52) u ghaddiet sabiex, *ex officio*, titlob dokument *toto caelo* differenti u, *di piu`*, mhux mitlub minn ebda wahda mill-partijiet. Ir-raguni ghat-talba ta' l-esponent hija spjegata fir-rikors imsemmi.

**e. <u>Dwar in-nullita` principali tal-Mandat ta' Arrest Ewropew u tas-sentenza tal-Qorti Rimandanti</u>**

Illi l-hames aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-Mandat ta' Arrest Ewropew li fuqu mxiet il-Qorti tal-Magistrati bhala qorti rimandanti ghad-decizjoni finali taghha qatt ma gie notifikat lill-esponent u wisq anqas ma giet segwita l-procedura li kellha tigi segwita in segwitu ghal Mandat ta' Arrest Ewropew gdid.

Illi fis-6 ta' Mejju, 2019, l-Avukat Generali pprezenta Mandat ta' Arrest Ewropew mmarkat bhala Dok MXZ1 li ssostitwixxa dak originali notifikat lill-esponent. Bilkemm hemm ghalfejn jinghad li n-notifika ta' estradant bil-Mandat ta' Arrest Ewropew hija procedura essenzjali u *sine qua non*.

Illi huwa inkoncepibbli kif jista' jigi introdott Mandat ta' Arrest Ewropew gdid minghajr ma tigi segwita xi forma ta' procedura mfassla fl-Avviz Legali 320 tas-sena 2004 u jigi prezunt mill-prosekuzzjoni u mill-Qorti li tali Mandat ta' Arrest Ewropew jissana u jissostitwixxi dak precedenti. Filwaqt li huwa veru li l-procedura tal-Mandat ta' Arrest Ewropew hija wahda li tissimplifika l-procedura ta' estradizzjoni, xorta ma tistax titqies bhala xi forma ta' DHL umana fejn in-nies jinbghatu lejn pajjiz rikjedent minghajr ebda prekawzjoni legali.

Illi dan igib necessarjament mhux biss in-nullita` tal-Mandat ta' Arrest Ewropew izda wkoll in-nullita` tas-sentenza appellata u l-procedura precedenti in kwantu msejjsa esklussivament fuq tali Mandat.

**f. <u>Dwar nullitajiet ohra fil-Mandat ta' Arrest Ewropew.</u>**

Illi dan is-sitt aggravju jittratta l-fatt li l-Mandat ta' Arrest Ewropew fih numru ta' nuqqasijiet. B'mod sistematiku dawn jistghu jingabru fis-segwenti:

a. Mandat ta' Arrest Ewropew fil-forma originali tieghu qatt ma ngab in atti.
b. Il-kwalifika taz-zmien tar-reat ma saritx a tenur tal-*lex fori*, ossia skond il-ligi nostrana u dana stante l-fatt li jissemma biss iz-zmien allegat meta l-agir illegali attribwit lill-esponent intemm pero` ma jissemma qatt meta nbeda!
c. Hemm kontro-sens in kwantu fil-parti inizjali tal-parti E qieghed jigi dikjarat li l-esponent huwa mitlub sabiex jwiegeb ghal reat wiehed, mentri aktar l-isfel fl-istess Taqsima ssir riferenza ghal zewg reati separati u distinti ossia d-delitt ravvisati fl-artikolu 416 tal-Kodici Kriminali Taljan u dak ravvizat fl-artikolu 416bis tal-Kodici Kriminali Taljan. Dan il-fatt ser jigi trattat ukoll f'aggravju separat.

d. Fil-parti C, ossia d-dikjarazzjoni in konnessjoni mal-piena, l-awtoritajiet Taljani jiddikjaraw li l-piena hija dik ta' 7 snin mizjuda b'nofs. Dana pero` ma jsib ebda riskontru fit-test tal-Kodici Penali Taljan.

## g. Dwar ic-certifikat mahrug mill-Avukat Generali

Illi s-seba' aggravju jittratta l-fatt li l-awtorità centrali maghzula minn Malta sabiex ticcertifika jekk l-allert inharigx minn entita` gudizzjarja kompetenti mill-pajjiz rikjedenti huwa l-Avukat Generali. Dan huwa fatt preokkupanti in kwantu l-veracita` o meno tad-dikjarazzjoni a fol. 4 tal-atti processwali ma tistax tigi kontrollata mill-esponent.

Illi l-Avukat Generali huwa l-avversarju tal-esponent u jkopri r-rwol tal-Prosekutur Pubbliku ta' Malta ukoll. Pozizzjoni din li giet iccensurata mill-*Venice Commission* u anke mil-Qorti ta' Strasbourg fid-decizjoni taghha moghtija fil-kawza fl-ismijiet ***Camilleri v. Malta*** (Application no. 42931/10 – Dec. 27 ta' Mejju, 2013). Kwindi l-artikoli 6A u 7 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05 huma dijametrikament opposti ghat-tghalim fuq imsemmi.

Illi l-esponent umilment jikkontendi li dan il-fattur wahdu wkoll jilledi d-dritt tieghu ta' smigh xieraq, *multo magis* maghdud mal-aggravji l-ohra fuq indikati.

## h. Dwar ir-reat li ghalih qieghed jintalab l-esponent

Illi t-tmien aggravju ta' l-esponent jikkonsisti fil-fatt li r-reat – ossia reati – li ghalih qed tintalab it-treggija lura ta' l-estradant ma jissodisfax dak rikjest mill-paragrafu (b) tas-subinciz (3) ta' l-artikolu 59 ta' l-Ordni, u cioe` li "*l-imgieba kienet tikkostitwixxi reat taht il-ligi ta' Malta li kieku din tkun grat f'Malta*".

Illi jibda biex jinghad li ghalkemm il-Mandat ta' Arrest Ewropew jindika, fil-paragrafu E tieghu, li l-istess mandat inhareg ghal reat wiehed ("*1 crime*"), minn qari akkurat ta' l-istess mandat jirrizulta li dan ma huwiex korrett. F'diversi partijiet tal-mandat jirrizulta li r-"reat" li ghalih qed tintalab it-treggija lura ta' l-

esponent huwa dak kontemplat fl-artikoli 416 u 416 bis 1 tal-Kodici Penali Taljan. Kif Inghad, dawn huma zewg reati separati u distinti.

Illi jinghad fl-ewwel lok li din l-incertezza – anke in omagg ghar-*rule of speciality* – hija tali li tirrendi null il-mandat. Fis-sentenza appellata ma sar assolutament ebda accenn ghal dan il-fatt.

Illi l-artikolu 416 bis tal-Kodici Penali Taljan jikkontempla r-reat ta' "*associazioni di tipo mafioso anche straniere*". Din l-*associazione di tipo mafioso* hija, fl-istess artikolu tal-ligi, deskritta b'dan il-mod:

***"... quando coloro che ne fanno parte si avvalgono della forza di intimidazione del vincolo associativo e della condizione di assoggettamento e di omerta` che ne deriva per commettere delitti, per acquisire in modo diretto o indiretto la gestione o comunque il controllo di attivita` economiche, di concessioni, di autorizzazioni, appalti e servizi pubblici o per realizzare profitti o vantaggi ingiusti per se o per altri ovvero al fine di impedire od ostacolare il libero esercizio del voto o di procurare voti a se` o ad altri in occasione di consultazioni elettorali."***

Illi fis-sentenza appellata, il-Qorti tal-Magistrati, ghall-finijiet ta' dak rikjest mill-paragrafu (b) tas-subinciz (3) ta' l-artikolu 59 ta' l-Ordni, ghamlet referenza ghall-artikolu 83A(1) tal-Kodici Kriminali taghna. Minn qari ta' din id-disposizzjoni jirrizulta car daqs il-kristall li r-reat ta' assocjazzjoni kriminali msemmija fil-ligi Maltija huwa wiehed kompletament differenti minn dak kontemplat fl-artikolu 416 bis tal-Kodici Penali Taljan. Ghalhekk ir-reat li ghalih qed tintalab it-treggija lura ta' l-esponent ma huwiex wiehed estradibbli.

Ikkunsidrat;

Illi jinghad in primis li din l-Qorti gja trattat ma diversi aggravji tal-appellant b'sentenza taghha preliminari li inghatat nhar it-tlettin (30) ta' Mejju 2019 fejn kienet

iddecidiet l-aggravji intestati 'a', 'b', 'c' u 'g' tar-rikors tal-appell ta' Antonio Ricci prezentat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-15 ta' Mejju, 2019.

Illi ghalhekk isegwi li din l-Onorabbli f'din is-sentenza, tindirizza l-aggravji l-ohra sollevati minnu. Din il-Qorti ghalhekk sejra tibda billi tikkunsidra l-aggravju tal-appell bl-ittra 'd' u cioe' dak intitolat '*Dwar il-pozizzjoni ta' suspettat jew imputat.*' F'dan l-aggravju, l-appellant issottometta li huwa evidenti li l-appellant ma huwiex rikjest ghat-tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali skond it-tifsir tas-subinciz (4) tal-artikolu 5 tal-Ordni. Illi skont l-appellant huwa evidenti mill-kliem uzat f'diversi partijiet tal-Mandat ta' Arrest Ewropew li l-appellant huwa rikjest mill-Italja ghall-finijiet ta' investigazzjoni u mhux ta' prosekuzzjoni. Jissottometti li meta l-pajjiz rikjedent, b'mod skorrett, jasserixxi li estradant huwa rikjest ghall-finijiet tat-tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali, il-Qorti rimandanti ghandha tissindaka tali dikjarazzjoni meta jkun evidenti li tali dikjarazzjoni hija kontradetta mill-istess Mandat ta' Arrest Ewropew.

Illi jirrizulta ampjament car li d-difiza ilha mill-bidu tal-proceduri anke quddiem il-Qorti Rimandanti tissottometti li l-appellant huwa '*wanted for investigation*' u mhux ghal fini ta' prosekuzzjoni, li la hemm decizjoni kontra l-appellant u lanqas ma hemm kawza kontra l-appellant. Din il-Qorti sejra ghalhekk tibda billi taghmel referenza ghall-atti sabiex jigi determinat jekk jirrizultax kjarament li l-appellant huwa mitlub ai fini ta' prosekuzzjoni.

Jirrizulta li meta l-appellant tressaq b'arrest, kif jirrizzulta minn fol 1 u 2, l-Ispettur kien iddikjara li huwa mfittex '*għall-finijiet ta' prosekuzzjoni.*' Fl-ewwel mandat ta' arrest Ewropew ipprezentat a fol 6 et sequitur u mmarkat bhala MG4 taht 'Decisione sulla quale si basa il mandato di arresto Europeo' hemm imnizzel '*Mandat d'arresto o decisione giudiziaria che abbia la stessa forza; Tipo: <u>ordinanza di aplicazione di **misura cautelare** [2]della custodia in carcere</u>*'. Fl-istess mandat u cioe' a fol 7 giet immarkata l-kaxxa bin-numru 3.4 li taqra '*l'interessato non ha ricevuto personalmente la notifica della decisione, <u>ma l'interessato ricevera' personalmente la notifice di tale decisione senza indugio dopo la consegna e sara' informato della facolta' di chiedere li riesame avverso la citata ordinanza e di esercitare le ulteriori forme di impugnazione previste, nonche' gli ulteriori diritti previsti</u>*'. Fit-traduzzjoni

[2] Enfasi ta' din l-Onorabbli Qorti.

bil-lingwa Ingliza li tinstab a fol 13 et sequitur u mmarkat bhala MG5 taht is-sezzzjoni B u cioe' Decision on which the European Arrest Warrant is based, hemm imnizzel '*Arrest warrant or judicial decision having the same force: Type:* ***Ordinance implementing precautionary measure of custody in prison***[3]'. A fol 14 fl-istess mandat giet immarkata l-parti 3.4 li taqra '*the person concerned did not personally receive notification of the decision, but the person concerned will personally receive notification of such decision without delay after delivery and he will be informed of the right to request a re-examination against the aforementioned order and to exercise the other forms of appeal envisaged as well as the additional rights provided*'. Dan l-ewwel mandat huwa ffirmat mill-Giudice per le Indagini Preliminari presso il Tribunale di Reggio Calabria.

IIlli a fol 22 u fid-dokument intitolat 'Form M - Miscellaneous information' u mmarkat bhala MG 9 tnizzel fost dettalji ohra li '*WE SPECIFY AS FOLLOWS: 1) THE WP IS WANTED FOR PROSECUTION AND NOT FOR EXECUTION OF SENTENCE...*' Fis-seduta tad-disgha u ghoxrin (29) ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019) gieipprezentat Dok. MX 1 a fol 47 u cioe 'Form M - Miscellaneous information' fejn hemm imnizzel ukoll li '*THE WP IS SEARCHED FOR AN EAW ISSUED CONCERNING AN ARREST WARRANT AND NO DEFINITIVE SENTENCE HAS BEEN ISSUED AGAINST WP YET.*' Filwaqt li fl-istess seduta a fol 48 giet ipprezentat 'Form M - Miscellanesoue information' ohra li hija immarkata bhala MX 2 fejn fost affarijiet ohra tnizzel li '*THE WP IS WANTED FOR PROSECUTION AND NOT FOR EXECUTION OF SENTENCE*'. Ghalhekk jirrizulta gja f'dan l-iuistadju preliminary li iz-zewg miscellaneous information forms Form M ma jikkontjenux l-istess informazzjoni minkejja li qed jitkelmu fuq l-istess persuna fejn qed tintalab l-estradizzjoni taghha.

Fis-seduta tat-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019) gie iprezentat Dok MX li jinsab a fol 57 et sequitur u cioe' Procura della Repubblica presso il Tribunale di Reggio Calabria Direzione isrettuale Antimafia 'INFORMAZIONI INTERGATIVE ALL' ESECUZIONE DI MAE' fejn fost fatti ohra tnizzel 'Imputazione **cautelare[4]:** RICCI Antonio, CALIO' Gabriele .... omissis ... ed altri' u fejn tnizzel:

[3] Enfasi ta' din l-Onorabbli Qorti.
[4] Enfasi ta' din l-Onorabbli Qorti.

'*d) del delitto di cui all' art. 416, 416 bis 1 c.p., perche si associavano tra loro e con altri soggetti, allo scopo....*' F'dani id-dokument hemm dettalji sostanzjali, tant li Ricci Antonio huwa imnizzel bhala '*capo dell'associazione.*' F'dan l-istess dokument u cioe' a fol 61 tnizzel ukoll '*Qualificazione giuridica del reato e disposizioni di legge/codice applicabili sulla cui base e' stato emesso il provvedimento cautelare*' fejn tnizzlu fost affarijiet ohra; '*associazione per delinquere (art. 416 codice penale) aggravata perche' consumata al fine di agevolare gli interessi della ndrangheta (art. 416 bis c.p.), finalizzata: all' esercizio abusivo di attivita' di gioco e scommesse (art. 4 Legge n. 401/89)....*' Taht '*Mezzi di impugnazione*' hemm imnizzel li '*Antonio Ricci ha gia' avuto conoscenza del provvedimento cautelare emesso a suo carico; ed infatti, i suoi difensori hanno scelto di non impugnarlo presso il Tribunale del Riesame (art. 309 c.p.p), nei dieci giorni dalla sua esecuzione, ma hanno proposto istanza di revoca della misura cautelare (art. 299 c.p.p) al sig. GIP in sede, allegando numerosi documenti a sostegno delle loro ragioni, tuttavia, il GIP in sede ha rigettato la predetta istanza di revoca, avverso tale provvedimento Antonio Ricci ha proposto appello al Tribunale ex art 310 c.p.p.; tutti i diritti di difesa di Antonio Ricci, percio', sono gia' stat e saranno ancoora garantitti dalla legge italiana.*

*Va, infine, evidenziato come il Tribunale del Riesame (art. 309 c.p.p) abia rigettato la impugnazione dell' ordinanza cautelare emessa a carico di Calio' Gabriele che, come sopra precisaot, agiva in sintonia imprenditoriale e ecriminale con Antonio Ricci. ...*'

Fis-seduta tat-tnejn (2) ta' Mejju tas-sena elfejn u dsatax (2019), il-Qorti Rimandanti ordnat li '*Considering that having also seen the documentation sent by the Italian authorities dated the 24th April, 2019, the Court is not convinced of the accurateness of all the facts stated in the warrant, namely the reason for which the return of the requested person is being demanded (investigation or prosecution), orders the prosecution to ensure that in terms of Article 13A of S.L. 276.05 the Ministerio di Gustizia in Rome guarantees to this Court that all investigations regarding Ricci have been concluded and that upon any potential return, should extradition be granted, prosecution immediately commences.*'

Illi in segwitu ta' din l-Ordni, giet prezentata ittra elettronika immarkata bhala MX2 a fol 104 fejn Dotoressa Rosella Rossi mill-Eurojust baghtet lil Avukat li qieghed jirraprezenta l-Avukat Generali '*I send you a letter that specify that the surrender of RICCI is finalized to define the trial against him, respecting his defensive rights.*'. Fid-dokument a fol

106 intitolat '*Procura della Repubblica presso il Tribunale di Reggio Calabria Direzione Distrettuale Antimafia*' u cioe '*Richiesta di Assistenza Giudiziaria in Materia Penale*' fost affarijiet ohra gie ddikjarat mis-Sostituto Procuratore della Repubblica Stefano Musolino li '*Al fine di fornire migliori informazioni all'A.G. maltese decidente, prego di volere attestare (anche inviando una semplice email, per come riferito dal citato interlocutore maltese) <u>che la consegna di Ricci Antonio alle Autorita' italiane non e' funzionale allo svolgimento di attivita' investigative</u> e che questo giudiziario a suo carico nel rispeto della garanzie difensive, dei tempi e dei modi prescritti dalla normativa nazionale*.' (Sottolinear mizjud minn din il-Qorti) Kien ghalhekk li ntbaghat mandat ta' arrest Ewropew gdid, u kif spjegat mid-Direttur Generali Donatella Donati, awtorizzata mill-Ministeru tal-Gustizzja, fid-dikjarazzjoni a fol 109 u cioe' li '*I am to send to you the note, duly translated into English, of the Judge for Preliminary Investigations of the Court of Reggio Calabria n. 5585/2013 RGNR DDA of 2 May 2019, containing the new European Arrest Warrant issued on 2 May 2019, against RICCI Antonio, with regard to the Order implementing precautionary custody in prison issued on 5 December 2018 in proceedings n. 5585/201 RGNR DDA - N. 866/16 RG GIP DDA - n. 62/2018 OCC DDA, with the supplements and additional information requested by the Maltese Judicial Authority.*

*I take this opportunity to renew to you the assurances of my highest consideration.*'

F'dan it-tieni Mandat ta' Arrest Ewropew li gie ipprezentat u senjatament a fol 111 filwaqt li tnizzel li ***'Chiedo che la persona menzionata appresso sia arrestata e consegnata ai fini dell'esercizio dell'azione penale*** *o dell'esecuzione di una pena o misura di sicurezza privative della liberta'*.' Fl-istess mandat fis-sezzjoni '*B) Decisione sulla quale si basa il mandato di arresto Europeo*

*1. Mandato d'arresto o decisione giudiciaria che abbia la stess forza:*
*Tipo:*' tnizzel <u>***'ordinanza di applicazione di misura cautelare della custodia in carcere'***</u>.

Fl-istess tieni Mandat ta' Arrest Ewropew giet immarkata l-kaxxa hdejn numru 3.4 fejn apparti dak imnizzel fl-ewwel mandat u cioe'

'*l'interessato non ha ricevuto personalmente la notifica della decisione, ma l'interessato ricevera' personalmente la notifica di tale decisione senza indugio dopo la consegna e sara' informato della facolta' di chiedere il riesame avverso la citata ordinanza e diesercitare le ulteriori forme di impugnazione previste, nonche' gli ulteriori diritti previsti.*'

Tnizzlu zewg paragrafi ohra u cioe':

'*Si precisa che trattasi di impugnazione avverso la misura cautelare, per la quale viene emesso il presente mandato di arresto; il processo infatti non e' inziato e potra' essere avviato una volta che il ricercato sara' giunto in Italia, e cio' avvera' con le garanzie e nel rispetto della normativa nazionale prevista in materia di termini massimi di durata delle indagini preliminari e dei termini massimi di durata della custodia cautelare "preventiva".*

*Si precisa ancora che, prima dell'avvio del processo, la norma(...)*[5] *nazionale prevede una obbligatoria interlocuzione tra l'indagato, la sua difesa ed il Pubblico Ministero, nel corso della quale la persona ricercata porta' indicare o produrre prove a suo favore nonche' chiedere al Pubblico Ministero di svolgere ulteriori indagini; all'esito di tale fase il Pubblico Ministero potra' decidere se dare avvio al processo nei confronti del ricercato oppure richedere l'archiviazione con conseqquente liberazione della persona indagata.*'

Fit-traduzzjoni bil-lingwa Ingliza tal-Mandat ta' Arrest Ewropew a fol 120 taht '*B) DECISION ON WHICH THE EUROPEAN ARREST WARRANT IS BASED*

*1. Arrest warrant or judicial decision having the same force:*
*Type:*' tnizzel '*Ordinace implementing precautionary measure of custody in prison*'.

Filwaqt li fl-istess mandat senjatament a fol 121 apparti l-paragrafu li kien gia jinsab fl-ewwel Mandat ta' Arrest Ewropew ipprezentat u cioe'

'*3.4. the person concerned did not personally receive notification of the decision, but the person concerned will personally receive notification of such decision without delay after delivery and*

[5] Din il-Qorti qieghda tindika bhala (...)l-ittri li mhumiex cari f'dan il-paragrafu.

*he will be informed of the right to request a re-examination against the aforementioned order and to exercise the other forms of appeal envisaged as well as the additional rights provided'*

Zdiedu zewg paragrafi u cioe' li*:*

*'It is specified that it is an appeal against the precautionary measure, for which the present Arrest Warrant has been issued; the trial actually has not started yet and can be initiated when the person sought arrives in Italy, and this will be with the guaranties and in compliance with the national legislation provided for on the maximum time lapse of the length of preliminary investigations and the maximum time lapse of the lenght of "preliminary" preventive custody.*

*It is specified that before the trial initiates domestic legislation provides that the person under investigation shall be allowed to meet his defense counsel and the Public Prosecutor and during this meeting the person sought can indicate or produce evidence in his favour and ask the Public Prosecutor to carry out additional investigations; at the end of this phase the Public Prosecutor can decide to initiate the trial against the person sought or request that the case be dismissed and as a consequence that the person under investigation be released.'*

Dan it-tieni mandat ta' arrest Ewropew huwa mahrug mill-Giudice per le Indagini Preliminari presso il Tribunale di Reggio Calabria.

Fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Gunju tas-sena elfejn u dsatax (2019), quddiem din il-Qorti, id-difiza pprezentat dokument dwar 'Judicial systems in Member States - Italy'. Gieipprezentat ukoll dak li d-difiza ssejjahlu l-mandat ta' arrest domestiku u cioe' *'l-Ordinanza di convalida di sequesto preventivo d'urgenza del P.M. E contestuale Decreto Di Sequesto Preventio (art.321 c.p.p.)'* mit-Tribunale di Reggio Calabria Sezione G.O.P.- G.U.P- fejn tnizzzel *'Il-Giudice per le indagini prelminari, dott.ssa Valentina Fabirani, esaminati gli atti del procedimenti penali in epigrafe indicato nei confronti, tra gli altri, di:...'* u fost persuni ohra hemm imnizzel RICCI Antonio u jkompli bil-kliem *'persone sottoposte alle indagini rispettivamente per le seguenti ipotesi reato:'* Dan huwa datat it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018).

Fis-smiegh tal-appell, u cioe' fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Gunju tas-sena elfejn u dsatax

(2019), id-difiza kienet talbet lil din il-Qorti tal-Appell Kriminali, sabiex abbazi tal-artikolu 13A tal-ordni dwar il-mandat ta' arrest Ewropew, din il-Qorti tordna li jingabu mill-Italja *certificato di carichi pendenti* u *certificato di chiusura delle indagini* fil-konfront tal-appellant, kif ukoll sabiex bl-applikazzjoni tal-artikolu 536B tal-Kapitolu 12 tahtar espert fid-dritt procedurali kriminali Taljan, sabiex tigi meghjuna din il-Qorti taghraf l-istat legali tal-appellant gewwa l-Italja huwiex ta' indagat jew akkuzat. Din il-Qorti filwaqt li kienet cahdet it-talba tad-difiza sabiex jinhatar espert, izda *ai termini* tal-artikolu 13A tal-Legislazzjoni Sussidjarja 276/05 ordnat li l-Ministero di Gustizzja fl-Italja jinforma lil Qorti jekk hemm '*certificato dei carichi pendenti*' u/jew '*decreto di rinvio al gudizzju*' mahrug fil-konfront ta' Antonio Ricci.

Fis-seduta tas-sitta (6) ta' Gunju tas-sena elfejn u dsatax (2019), quddiem din il-Qorti l-Avukat Generali ipprezenta dokumentazzjoni fosthom dikjarazzjoni ta' Stefano Musolino bhala Sostituto Procuratore della Repubblica u Giovanni Bombardieri bhala Procuratore della Repubblica fejn gie iddikjarat li '*gia' evidenziato con il secondo MAE ivi trasmesso, in ordine alle procedure che conducono, secondo la normativa processuale vigente, alla richiesta di rinvio a giudizio, nonche' di rassicurare in ordine alla celere definizione del procedimento, una volta che sara' data esecuzione al MAE.*' Gie pprezentat *certificato dei carichi pendenti* fejn tnizzel li '*Non risultano carichi pendenti*', kif ukoll dikjarazzjoni u cioe' '*Procura della Repubblica Reggio Calabria Communicazione di iscrizione indagat*' fejn tnizzel li '*Si comunica, ai sensi dell'art.355 c.p.p., che dal Registro Informatizzato della Notizie di Reato di questa Procura della Repubblica con dati aggiornati al , risulta l'iscrizione in qualita di indagato nei procedimenti penali in allegato.*' Dwar dan, id-difiza fis-sottomissjonijiet orali taghha temfasizza li anke dan id-dokument qieghed jikkonferma li l-appellant huwa indagat u cioe' investigat u mhux akkuzat. Gie pprezentat ukoll dokumenti li jindika '*Dati identificativi dell'indagato*' fejn taht '*Elenco fatti criminosi*' hemm imnizzel fost dati u informazzjoni ohra '01/02/2017 - CP art. 46 - CP art. 416 BIS.1' Gie ipprezentat certifikat tal-Ministero della Giustizia intitolat '*Sistema Informativo del Cassellario Certificato Generale del Casellario Giudiziale (ART. 24 D.P.R. 14/11/2002 N.313)*' fejn hemm imnizzel li '*Si attesta che nella Banca dati del Casellario giudiziale risulta: NULLA*'. Giet ipprezentata ukoll korrispondenza permezz ta' ittri elettronici u cioe' t-talba ghal dokumentazzjoni ulterjuri.

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti sejra issa tghaddi sabiex taghmel referenza ghal dak li d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju, 2002, fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri (2002/584/JHA) tipprovdi. Fl-ewwel preambolu jinghad li:

'*Skond il-Konkluzjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-Tampere tal-15 u s-16 ta' Ottubru, 1999, u partikolarment il-punt 35 tagħhom, il-proċedura formali ta' l-estradizzjoni għandha tkun abolita fost l-Istati Membri fir-rigward ta' persuni li qed jaħarbu mill-ġustizzja wara li jkunu ġew mogħtija sen tenza finali u proċeduri ta' l-estradizzjoni għandhom jiġu mħeffin fir-rigward ta' persuni suspettati li wettqu offiża.*'

Filwaqt li l-preambolu 5 tad-Decizjoni Kwadru jaqra:

'*L-għan stabbilit biex l-Unjoni ssir żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja jwassal għall-abolizzjoni ta' l-estradizzjoni bejn l-Istati Membri u jbiddlu b'sistema ta' ċediment bejn awtoritajiet ġudizzjarji. 'Il fuq minn dan, l-introduzzjoni ta' sistema ġdida ssimplifikata ta'* ***<u>ċediment ta' persuni mogħtija sentenza jew suspettati għall-iskopijiet ta' eżekuzzjoni jew prosekuzzjoni ta' sentenzi kriminali</u>*** *jagħmel possibbli t-tneħħija tal-komplessità u potenzjal għad-dewmien inerenti fil-proċeduri preżenti ta' l-estradizzjoni. Ir-relazzjonijiet tradizzjonali ta' koperazzjoni li eżistew s'issa bejn l-Istati Membri għandhom jiġu mibdula b'sistema ta' moviment liberu ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji fi kwistjonijiet kriminali, li tkopri kemm deċiżjonijiet qabel ma tinata' s-sentenza kif ukoll dawk finali, ġo żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja.*' (Sottolinear u emfazi mizjuda minn din il-Qorti).

L-artikolu 1(1) tad-Decizjoni Kwadru jaqra:

'*Il-mandat ta' arrest Ewropew hi deċiżjoni ġudizzjarja maħruġa minn Stat Membru bl-iskop ta' l-arrest u ċ-ċediment minn Stat Membru ieħor ta' persuna rikjesta, għall-iskopijiet tat-tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni.*'

Din il-Qorti sejra taghmel referenza ghal '*Notices from European Union Institutions, Bodies, Offices and Agencies Commission Notice- Handbook on how to issue and execute a European arrest warrant (2017/C 355/01)*' li jipprovdi f'sezzjoni 1.2 fost spjegazzjonijiet

ohra li:

'*The EAW replaced the traditional system of extradition with a simpler and quicker mechanism of surrender of requested persons for the purposes of conducting a criminal prosecution or executing a custodial sentence or detention order. A warrant may be issued for the purposes of:*

*(a) a criminal prosecution in relation to acts punishable under domestic law by a custodial sentence or detention order for a maximum period of at least 12 months (during the investigation, examining and trial stages, until the conviction is final);*

*(b) the execution of a sentence or detention order of at least four months.*'

Din fit-traduzzjoni fil-Manwal[6] bil-lingwa Maltija taqra':

'*L-MAE ħa post is-sistema tradizzjonali ta' estradizzjoni b'mekkanizmu sempliċi u aktar mgħaġġel ta' konsenja ta' persuni rikjesti għall-għanijiet ta' prosekuzzjoni kriminali jew għall-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' priġunerija jew ordni ta' detenzjoni. Mandat jista' jinħareġ għal wieħed mill-iskopijiet li ġejjin jew għat-tnejn li huma:*

*(a) prosekuzzjoni kriminali fir-rigward ta' atti punibblli skont il-liġi domestika b'sentenza ta' priġunerija jew ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta' mill-inqas 12-il xahar (matul il-fażijiet ta' investigazzjoni, eżami u tal-proċess, sal-kundanna finali);*

*(b) eżekuzzjoni ta' sentenza jew ordni ta' detenzjoni ta' mill-inqas erba' xhur.*'

F'sezzjoni 2.1 ta' '*Notices from European Union Institutions, Bodies, Offices and Agencies Commission Notice- Handbook on how to issue and execute a European arrest warrant (2017/C 355/01)*'' dwar Scope of the EAW' hemm spjegat fost affarijiet ohra li :

'*A judicial authority may issue an EAW for two purposes (Article 1(1) of the Framework Decision on EAW):*

[6] Avviż tal-Kummissjoni - Manwal dwar kif toħroġ u teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew (2017/C 335/01)

*(a) criminal prosecution; or*

*(b) execution of a custodial sentence or detention order.*

*Point (a) concerns criminal procedures where the requested person can be prosecuted. Point (b) concerns enforceable custodial sentences or detention orders for criminal offences issued by a court. Issuing an EAW is not possible for all crimes but limited to those of sufficient severity, as explained in more detail below.'*

Din fil-verzjoni bil-Malti[7] taqra':

*'L-awtorità ġudizzjarja tista' toħroġ MAE għal żewġ raġunijiet (Artikolu 1(1) tad-Deċiżjoni Kwadru dwar il-MAE):*

*(a) Prosekuzzjoni legali jew;*

*(b) eżekuzzjoni ta' sentenza ta' priġunerija jew ordni ta' detenzjoni.*

*Il-punt (a) jirrigwarda proċeduri kriminali meta l-persuna rikjesta tkun tista' tiġi mħarrka. Il-punt (b) jirrigwarda sentenzi ta' priġunerija eżegwibbli jew ordnijiet ta' detenzjoni għal reati kriminali maħruġa minn qorti. Il-ħruġ ta' MAE mhux possibbli għar-reati kollha iżda huwa limitat għal dawk li huma serji biżżejjed, kif spjegat f'aktar dettall aktar 'l isfel.'*

Fl-istess hekk imsejjah handbook u cioe' manwal, dwar 'Criminal Prosecution' u cioe' f'sezzjoni 2.1.1 hemm spjegat li:

*'An EAW may be issued for the purposes of conducting a criminal prosecution in relation to acts punishable under domestic law by a custodial sentence or a detention order for a maximum period of* ***at least 12 months*** *(Article 2(1) of the Framework Decision on EAW).'*

Filwaqt li fil-verzjoni[8] bil-Malti hemm imnizzel:

---

[7] Avviż tal-Kummissjoni - Manwal dwar kif toħroġ u teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew (2017/C 335/01)

[8] Avviż tal-Kummissjoni - Manwal dwar kif toħroġ u teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew (2017/C 335/01)

*'MAE jista' jinħareġ bil-għan li titwettaq prosekuzzjoni kriminali fir-rigward ta' atti punibbli skont il-liġi domestika permezz ta' sentenza ta' priġunerija jew ordni ta' detenzjoni għal perjodu massimu ta'* ***mill-inqas 12-il xahar*** *(l- Artikolu 2 (1) tad-Deċiżjoni Kwadru dwar l-MAE).'*

Fl-istess sezzjoni 2.1.1. hemm spjegat ukoll li ''*Conducting a criminal prosecution' includes the pre-trial stage of criminal proceedings. However, the purpose of the EAW is not to transfer persons merely for questioning them as suspects. For that purpose other measures, such as a European Investigation Order (EIO) could be considered instead. In Section 2.5 other measures of judicial cooperation are briefly presented.'*

Il-verzjoni bil-Malta fil-Manwal[9] taqra:

*"It-twettiq ta' prosekuzzjoni kriminali" jinkludi wkoll l-istadju ta' qabel il-proċess ta' proċedimenti kriminali. Madankollu, l-iskop ta' MAE m'huwiex li jittrasferixxi xi persuni biss biex jiġu interrogati bħala persuni suspettati. Għal dak il-għan jistgħu minflok jiġu kkunsidrati miżuri oħra, bħall-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea (OIE). Fit-Taqsima 2.5 hemm ippreżentati fil-qosor miżuri oħra ta' koperazzjoni ġudizzjarja.'*

Dwar European Investigation Order (EIO) jinghad li:

*'The EIO can be used for obtaining evidence from another Member State. The EIO covers any investigative measure, with the exception of setting up joint investigation teams. The goal is to allow Member States to request another Member State to carry out investigative measures on the basis of mutual recognition. EIOs concerning investigative measures that do not exist or are not available in the executing Member State can nonetheless be executed by way of recourse to an alternative investigative measure.*

*The EIO replaces the Convention on Mutual Assistance in Criminal Matters between the Member States of the European Union ([10]) and the previous patchwork of legal provisions in this*

---

[9] Avviż tal-Kummissjoni - Manwal dwar kif toħroġ u teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew (2017/C 335/01)

[10] Convention established by th eCouncil in accordance with Article 34 of the Treaty on European Union, on Mutual Assistance in Criminal (Din ir-referenza tinsab fin-nota' ta' qiegh il-pagna enumerata numru tnejn (2) *fis-sezzjoni ta' 2.5.1 tan-'Notices from European Union Institutions, Bodies, Offices and Agencies Commission Notice- Handbook on how to issue and execute a European arrest warrant (2017/C 355/01))*

*area. Incorporating the existing measures into a single new instrument aims to make judicial cooperation on investigations faster and more efficient. The EIO can be used in criminal proceedings, but also in those brought by administrative authorities, with judicial validation, when there is a criminal dimension. Member States must decide on the recognition or execution of an EIO within 30 days and carry out the investigation measure within 90 days following the taking of that decision.'*

Filwaqt li fil-verzjoni bil-Malti tal-Manwal hemm imnizzel:

*'L-OIE jista' jintużà biex tinkiseb evidenza minn Stat Membru ieħor. L-OIE tkopri kull miżùra ta' investigazzjoni, bl- eċċèzzjoni tat-tfassil ta' gruppi ta' investigazzjoni kongùnti. L-objettiv huwa li l-Istati Membri jitħallew jitolbu lil Stat Membru ieħor li jwettqu miżùri ta' investigazzjoni fuq il-bażi ta' rikonoxximent reċiproku. L-OIE rigward il-miżùri ta' investigazzjoni li ma jeżistux jew mhumiex disponibbli fl-Istati Membri eżèkutorji jistgħu madankollu jigù eżègwiti permezz ta' rimedju għal miżùra ta' investigazzjoni alternattiva.*

*L-OIE jissostitwixxi l-Konvenzjoni dwar l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri fl-Unjoni Ewropea ([11]) u t-taħlita frammentata ta' dispożizzjonijiet legali f'dan il-qasam li kien hemm preċèdentement. L-inkorpo- razzjoni ta' miżùri eżistenti fi strument wieħed gdid għandha l-għan li tħaffef il-koperazzjoni gudizzjarja dwar l-investi- gazzjonijiet u tagħmilha iktar effiċjenti. L-OIE jista' jintużà fi proċèdimenti kriminali, iżda anki f'dawk mibdija minn awtoritajiet amministrattivi, b'validazzjoni gudizzjarja, meta jkun hemm dimensjoni kriminali. L-Istati Membri jridu jiddeċiedu dwar ir-rikonoxximent jew l-eżèkuzzjoni ta' OIE fi żmien 30 jum u jwettqu l-miżùra ta' investigazzjoni fi żmien 90 jum mid-data ta' dik id-deċiżjoni.'*

Il-Legislazzjoni Sussidjarja 276.05 fir-regolament 5 jinghad li:

'*(1) Id-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima japplikaw għal kull mandat ta' arrest bħalma hemm imsemmi fis-subartikolu (2).*

[11] Il-Konvenzjoni stabbilita mill-Kunsill skont l-Artikolu 34 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dwar Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (GU C 197, 12.7.2000, p. 3). (Din ir-referenza tinsab fin-nota ta' qiegh il-pagna enumerata tnejn (2) fis-sezzjoni 2.5.1 tal-Avviż tal-Kummissjoni - Manwal dwar kif toħroġ u teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew (2017/C 335/01)

*(2) Ir-riferenza għal mandat ta' arrest fis-subartikolu (1) hija riferenza għal mandat ta' arrest rilevanti għall-prosekuzzjoni jew mandat ta' arrest rilevanti wara sejbien ta' ħtija.*

*(3) Mandat ta' arrest rilevanti għall-prosekuzzjoni hu mandat ma ħruġ minn awtorità gudizzjarja ta' pajjiż skedat u li jkun fih -*

*(a) id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (4), u*

*(b) l-informazzjoni msemmija fis-subartikolu (5)*

*(4) Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (3)(a) hi waħda li l-persuna li dwarha jinħareġ il-mandat hija mfittxija fil-pajjiż skedat* ***<u>għall-finijiet tat-tmexxija ta' prosekuzzjoni kriminali</u>*** *għall-għemil ta' reat imsemmi fil-mandat.*

*(5) L-informazzjoni hi -*

*(a) daqstant kemm japplika, il-partikolaritajiet imsemmija fl-artikolu 13(2)(b)(i) u (ii) ta' l-Att rilevanti:*

*Iżda dan il-paragrafu għandu jitqies li ġie mħares minkejja l-fatt li setgħet ma tkunx ġiet mogħtija kopja tal-liġijiet relattivi jew ta' dikjarazzjoni tal-liġi rilevanti;*

*(b) il-partikolaritajiet ta' kull mandat ieħor maħruġ fil-pajjiż rikjedenti għall-arrest tal-persuna dwar ir-reat;*

*(ċ) il-partikolaritajiet tas-sentenza li tista' tingħata taħt il-liġi tal-pajjiż rikjedenti dwar ir-reat jekk il-persuna tinsab ħatja li tkun għamlet dak ir-reat.*

*(6) Mandat ta' arrest rilevanti wara sejbien ta' ħtija hu mandat maħruġ minn awtorità ġudizzjarja ta' pajjiż skedat u li jkun fih -*

*(a) id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (7), u*

*(b) l-informazzjoni msemmija fis-subartikolu (8).*

*(7) Id-dikjarazzjoni hi tali li -*

*(a) jiġi allegat li l-persuna li dwarha jinħareġ il-mandat tkun qegħda tiġġerra barra kontra l-liġi wara li tkun insabet ħatja ta' reat imsemmi fil-mandat minn qorti fil-pajjiż skedat, u*

*(b) il-mandat jinħareġ bil-għan ta' l-arrest u l-estradizzjoni tagħha lejn il-pajjiż skedat bil-għan li l-persuna tingħata sentenza għar-reat jew li tiskonta sentenza ta' priġunerija jew xi xort'oħra ta' detenzjoni li tingħata dwar ir-reat.*

*(8) L-informazzjoni hi -*

*(a) daqstant kemm japplika, il-partikolaritajiet imsemmija fl-artikolu 13(2)(b)(i) u (ii) ta' l-Att rilevanti:*

*Iżda dan il-paragrafu għandu jitqies li ġie mħares minkejja l-fatt li setgħet ma tkunx ġiet mogħtija kopja tal-liġijiet relattivi jew ta' dikjarazzjoni tal-liġi rilevanti;*

*(b) il-partikolaritajiet dwar is-sejbien ta' ħtija;*

*(ċ) il-partikolaritajiet ta' kull mandat ieħor maħruġ fil-pajjiż rikjedenti għall-arrest ta' persuna dwar ir-reat;*

*(d) il-partikolaritajiet tas-sentenza li tista' tingħata taħt il-liġi tal-pajjiż rikjedenti dwar ir-reat, jekk il-persuna ma tkunx ingħatat sentenza għal dak ir-reat;*

*(e) il-partikolaritajiet tas-sentenza li tingħata taħt il-liġi tal-pajjiż rikjedenti dwar ir-reat, jekk il-persuna tkun ingħatat sentenza għar-reat.*

*(9) Mandat ta' arrest li din it-Taqsima tapplika għalih jista' jkun trasmess b'kull mezz sikur li tista' tinħareġ reġistrazzjoni bil-miktub tiegħu u bih ikunu jistgħu jingħataw records bil-miktub u taħt dawk il-kondizzjonijiet li jkunu jippermettu li tiġi żgurata l-awtentiċità tiegħu.*'

IIkkunsidrat;

Illi kif jirrizulta kjarament, Mandat ta' Arrest Ewropew jinhareg ai finijiet ta' prosekuzzjoni jew wara sejbien ta' htija u cioe' ghall-ezekuzzjoni ta' sentenza. Filwaqt li d-difiza temfasizza li l-Awtoritajiet Taljani jehtiegu lill-appellant ai fini ta' investigazzjoni, minn naha l-ohra l-Avukat Generali jenfasizza li l-appellant huwa mehtieg ghall-prosekuzzjoni, tant li li kieku l-appellant kien mehtieg ghal investigazzjoni, kien jinhareg European Investigation Order (EIO).

Din il-Qorti sejra tghaddi biex taghmel referenza ghal gurisprudenza, uhud minnha saret referenza ghaliha mill-partijiet. F'dan ir-rigward, issir referenza ghas-sentenza fl-

ismijiet **<u>'Il-Pulizija vs Philip Mifsud'</u>**[12] fejn il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Rimandanti kienet fost kunsiderazzjonijiet ohra, ikkunsidrat li

*'Din il-Qorti hija sodisfatta mill-fatt li Silvia Carpanini hija giudice per le indagini preliminari fit-Tribunal ta' Genova u hija sodisfatta wkoll li din hija awtorita kompetenti biex tohrog il-MAE. Dan fl-ahhar mill-ahhar iccertifikah l- Avukat Generali u huwa konklusiv. Dan il-MAE huwa mahrug fuq il-principji bazilari ta' "mutual trust" u "mutual recognition" li fuqhom huwa bazat l-Arrangament. Il-MAE jibda biex jghid li "chiedo che la persona appresso sia consegnata ai fini dell'esercizio dell'azione penale o dell'esecuzione di penao misure di sicurezza preventive di liberta'". Din il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tiddubita li jekk ikun hemm il-konsenja tal-estradant huwa sejjer ikun qieghed jiffaccja proceduri penali quddiem it-Tribunal Taljan in segwitu ghal dan il-MAE ghaliex wara kollox ghal dan il-ghan qed tigi formalment mitluba l-konsenja tieghu u ghal ebda raguni ohra. Dan wara kollox johrog ukoll mid-definizjoni tal-MAE skont l-istess Arrangament li jghid li l-MAE jikkostitwixxi **<u>decizjoni gudizzjarja</u>** u huwa definit hekk : -*

*The European arrest warrant is a judicial decision issued by a Member State with a view to the arrest and surrender by another Member State of a requested person, for the purposes of conducting a criminal prosecution or executing a custodial sentence or detention order.*

*Il-Qorti hija sodisfatta li l-Awtoritajiet Taljani huma gwidati min dawn il-principji wkoll u ghalhekk iridu l-estradant sabiex fil-konfront tieghu jitkompla l-procediment penali ghar-reati imsemmija fil-MAE u li gew mibdija bil-MAE. F'dan is-sens tal-Arrangament u tal-Ordni il-Qorti qeghdha tqis li l-procediment penali kontra l-estradant sejrin jissuktaw u ghalhekk ghandu jitqies li huwa "akkuzat" ghall-fini ta' prosekuzzjoni li ser tissokta quddiem it- Tribunal Taljan, fil-kaz li jigi konsenjat lil dawk l- Awtoritajiet.*

*Minbarra dan, jinghad ukoll li l-kuntest ta' dan ir- Regolament juri kemm dan huwa s-sens li johrog mil- Ordni. Ir-Regolament 5(4) jghid hekk-*

*Id-dikjarazzjoni hija wahda li :*

[12] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti Rimandanti fit-18 ta' Ottubru, 2013 (Numru: 911/2013)

*(a) Il-persuna li dwarha jkun hareg il- mandat tkun akkuzata fil-pajjiz skedat bl-ghemil ta' reat imsemmi fil-mandat u,*

*(b) Il-mandat jinhareg bil-ghan tal-arrest u l-estradizzjoni tal-persuna lejn il-pajjiz skedat bil-ghan li jinbdew proceduri kontriha ghal dak ir-reat.*
*Minn qari ta' din id-disposizzjoni, u jekk l-interpretazzjoni tad-difiza hija korretta, kif jista jkun ikun hemm persuna diga akkuzata fil-pajjiz skedat meta l-mandat ikun inhareg precizament sabiex l-estradant ikun jista jmur lejn dak il- pajjiz biex jinbdew proceduri kontrih. Jekk huwa akkuzat fis-sens li trid id-difiza, allura l-proceduri jkunu diga inbdew kontrih u allura t-tieni subinciz jigi kwazi superfluwu fit-tieni parti tieghu "bil-ghan li jinbdew proceduri kontriha ghal dak ir-reat". Il-Qorti tqis li t-tifsira "akkuzat" ghandha tinghat tifsira "purposive" kif imsemmi aktar il-fuq. Ghalhekk din l-eccezzjoni mhix qed tigi milqugha.'*

Dik is-sentenza kienet giet revokata mill-Qorti tal-Appell Kriminali u cioe' fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija (Spettur Mario Cuschieri) (Spettur Ian Abdilla) vs Philip Mifsud'**[13] fejn gie kkunsidrat:

'*Skont l-artikolu 5(4) tal-Ordni l-persuna trid tkun akkuzata. Fil-fatt it-test ingliz hu iktar car. Il-fatt li jinhareg 'ordinanza di custodia cautelare' ifisser li l-persuna hi akkuzata? Kif inghad aktar 'l fuq din l-ordinanza hi ntiza biex l- awtoritajiet gudizzjarji taljani jkollhom a dispozizzjoni l- persuna li huma jahsbu li eventwalment tista' tigi processata. L-unika haga favur dan is-suggett hi li jista' joffri depozizzjoni min rajh biex itaffi l-pozizzjoni tieghu u jigi mehlus mill-arrest izda mhux necessarjament mill- process. Naturalment, il-prosekutur ghandu l-fakolta' li jehilsu minghajr ma jghaddi dak is-suggett minn process penali. Dan l-iter gudizzarju jista' jiehu sa sentejn b'riskju li fl-ahhar anke tigi mehlus. Fil-kaz in ezami jirrizulta mill- mandat li "l'associazione permane alla data odierna".*

*Ghalhekk, hu car li hemm terzi ignoti li l-pulizija taljan ghadha qed tfittex. Dan ifisser ukoll li l-investigazzjonijiet ghadhom ghaddejjin.*

*Illi fis-sistema gudizzjarju taghna l-arrest preventiv hu kuncett car li jaghti lok immedjatament ghal bidu tal-iter processwali. Meta persuna titregga Malta, il- prosekuzzjoni ghandha tmienja u*

[13] Deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Novembru, 2013 (Appell Kriminali Numru: 446/2013)

*erbghin siegha biex tressq dik il-persuna l-Qorti biex twiegeb ghar-reati li jiffurmaw parti tal-MAE. Is-sistema taljan min-naha l-ohra jipprospetta arrest twil sakemm jintemmu l-indagini u jkun hemm 'il rinvio a giudizzio'. L-appellant iprospetta li setghu uzaw l-istitut tal-ittri rogatorji skont l-artikolu 649 tal-Kodici Kriminali biex jekk il-GIP ried jaghmel xi domandi setghu jsiru b'dan il-mod. Din il-Qorti ma taqbilx ma din it-tezi ghas-semplici fatt li l-persuna nterrogata ghandha l-fakolta' li ma twiegibx kemm bl-uzu tal-ittri rogatorji, kif ukoll f'interrogatorji li jista' jsir f'habs taljan.*'

L-istess Qorti kkunsidrat li:

'*Il-Ligi taghna tezigi li fi procediment penali jkun hemm akkuzat. Dan hu rifless fl-artikolu 5(4) tal-Ordni. Wiehed jista' jargumenta li ma ghandniex ninterpretaw dan l- artikolu f'din il-manjiera. It-traspozizzjoni tad-Decisjoni Kwadru kienet responsabilita' taghna. Illum, ma nistghux nghidu li l-kelma 'akkuzat' ghandha tinghata tifsira ohra biex inkun iktar kosmopoliti. Jekk dan il-kuncett hu ta' problem ir-rimedju hu car u jirrikjedi l-intervent tal- legislatur.*

*Illi minn dan kollu jemergi li l-MAE kif mahrug mill- awtoritajiet taljani semplicement ghal 'ordinanza di custodia cautelare' ma jghaddix it-test tal-artikolu 5(4) ta' l-Ordni. Hu car li f'dak l-istadju l-persuna ghada persuna ndagata u mhux akkuzata. Kif l-awtoritajiet taljani jaghlqu l-investigazzjoni taghhom u jinhareg MAE ghal 'rinvio a giudizio' ma ghandu jkun hemm ebda ostakolu ghat- trasferiment tas-suggett fil-gurisdizzjoni taljana.*'

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Mario Cuschieri) (Spettur Ian Abdilla) vs Michael Spiteri'**[14] gie kkunsidrat li:

'*Ghandu jinghad li t- trattazzjoni tal-partijiet kienet iffukata l-izjed fuq l-ewwel aggravju ta' l-appellant u cioe' x'inhi l-pozizzjoni attwali tal- appellant fl-Italja – fil-qasir jekk l-appellant hu persuna akkuzata fl-Italja ghall-iskopijiet tal-Mandat ta' Arrest Ewropew (MAE).*

*Hawnhekk, ikun opportun li jigi citat is-subartikolu (4) ta' l- artikolu 5 ta' l-Ordni, li jghid hekk:*

[14] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Novembru, 2013 (Appell Kriminali Numru: 447/2013)

*(4) Id-dkjarazzjoni hi wahda li -(a) il-persuna li dwarha jinhareg il-mandat tkun akkuzata fil-pajjiz Skedat bl-ghemil ta' reat imsemmi fil-mandat, u*

*(b) il-mandat jinhareg bil-ghan ta' l-arrest u l- estradizzjoni tal-persuna lejn il-pajjiz skedat bil-ghan li jinbdew proceduri kontriha ghal dak ir-reat.*

*X'inhi l-pozizzjoni ta' persuna f'dan ix-xenarju prospettat mill-artikolu 5(4) ta' l-Ordni.*

*Il-legislazzjoni taghna hi mfassla fuq il-legislazzjoni ngliza u ghalhekk analizi tal-gurisprudenza ta' dak il-pajjiz ma jkunx ezercizzju nutli.*

*Dan it-tema gie affrontat fil-kawza fl-ismijet: "Julian Assange v Swedish Prosecution Authority" (High Court of Justice Queen's Bench Division Divisional Court) deciza fit-2 ta' Novembru, 2011. Din id-decizjoni titratta talba mill-awtoritajiet svediza ghat-treggiegha ta' Julian Assange li kien akkuzat taht is-Sexual Offences Act, 2003. Din kienet kawza komplessa u ser jigu analizzati biss il-partijiet li jolqtu l-problema li qed jigi ezaminat.*

*Fuq dan il-punt dik il-Qorti kkwotat estensivament mill- kawza "In Re Ismail" [(1999) 1 AC 320]. Hemm zewg paragrafi li huma rilevanti:*

*"It is common ground that mere suspicion that an individual has committed offences is insufficient to place him in the category of 'accused persons'. It is also common ground that it is not enough that he is in the traditional phrase 'wanted by the police to help them in their inquiries'. Something more is required. What more is needed to make a suspect an 'accused' person? There is no statutory definition. Given the divergent system of law involved, and notably the differences between criminal procedures in the United Kingdom and in civil law jurisdictions, it is not surprising that the legislature has not attempted a definition The starting point is that 'accused' is not a term of art. It is a question of fact in each case whether the person passes the threshold test of being an 'accused' person. Extradition treaties, and extradition statutes, ought, therefore, to be accorded a broad and generous construction so far as the texts permits it in order to facilitate extradition Moreover, it is important to note that in England a prosecution may also be commenced if a custody officer decides that there is sufficient evidence to charge an arrested person and then proceeds to charge him the charging of an arrested person*

*marks the beginning of a prosecution and the subject becomes an 'accused' person."*

*At page 327 (of In Re Ismael):"It is not always easy for an English court to decide when in a civil law jurisdiction a suspect becomes an 'accused' person. All one can say with confidence is that a purposive interpretation of 'accused' ought to be adopted in order to accommodate the differences between legal systems. In other words, it is necessary for our courts to adopt a cosmopolitan approach to the question whether as a matter of substance rather than form the requirement of there being an 'accused' person is satisfied."*

*Il-paragrafu 140 (pagna 29) ta' Assange hu ferm interessanti u qed jigi kwotat verbatim:"We agree with the approach of Toulson LJ in Bartlett that the language of the EAW should make clear that*

*'The investigation must have reached the stage at which the requesting judicial authority is satisfied that he faces a case such that he ought to be tried for the specified offence or offences, and the purpose of the request for extradition must be to place him on trial.' (paragraph 50) In our view, the terms of the EAW read as a whole made clear that not only was the EAW issued for the purpose of Mr. Assange being prosecuted for the offence, but that he was required for the purposes of being tried after being identified as the perpetrator of specific criminal offences. He was therefore accused of the offences specified in the EAW. Nothing in the EAW suggested he was wanted for questioning as a suspect."*

*Fil-paragrafu 150 ta' din is-sentenza (Assange) il-Qorti rrilevat li taht il-procedura Svediza l-akkuzat jista' jigi mitlub jirrispondi domandi ulterjuri qabel decizjoni tittiehed jekk jigix processat o meno. Madankollu hu fondamentali li " but to ensure that there is no proper basis for the accusation not to proceed swiftly to trial " Dan ifisser li l- suggett wara tali nvestigazzjoni jew domandi ghandu jitressaq il-Qorti 'swiftly' u nafu ben tajjeb x'ifisser dan il- kuncett ghall-Qrati nglizi. Jidher car li dik il-Qorti kienet sodisfatta li l-persuna setghet titregga lura anki ghaliex il- kawza kellha tibda 'swiftly'. U kien ghalhekk li fil- paragrafu sussegwenti taghmel referenza ghall- 'cosmopolitan eyes' ta' In Re Ismael. Dik il-Qorti kienet sodisfatta li l-EAW kienet inharget sew u kienet edotta wkoll ta' dak li kien jikkoncerna l-individwu, kif ukoll is-sistema gudizzjarju Svediz.'*

F'dik is-sentenza l-Qorti kkunsidrat ukoll li:

*'Skont email partikolari li jinsab a fol. 178 tal-process hemm indikat li skont is-sistema taljan il-fazi nvestigativa hi digja procediment penali. Testwalment:*

*"The investigation phase, in the Italian procedural system, is ALREADY a criminal proceeding ('procedimento penale'); it is carried out by the Prosecutor, who is a judicial authority, and the coercive measures are decided and issued by a Judge (the Preliminary Investigation Judge, or G.I.P.). At the end of the investigation, the Judge decides – upon request of the Prosecutor (indictment) – whether to send the accused persons for trial or to dismiss the case."*

*Dan l-email gie mibghut minn Francesco Lo Voi fl-4 ta' Novembru, 2013 fil-hin ta' 1557.*

*Ghalhekk, skont is-sistema taljan il-kontenut tal-MAE hu korrett li tghid li l-appellant hu akkuzat.*

*Illi l-appellant permezz tad-difensur tieghu ezebixxa pro- memoria mibghuta mill-Studio Legale Associato Romanelli fejn jispjega b'aktar dettal l-iter ta' indagini. (Dok X a fol 188). Skont dan il-pro-memoria jirrizulta li l- kaz kontra l-appellant ghadu fil-fazi ta' 'indagini preliminari' u il-prosekutur fi zmien sitt xhur minn meta jiskrivi l-isem tal-indagat fir-Registru irid jezercita l-azzioni penali. Jista' wkoll jitlob l-archivjazzjoni tal-kaz. Madankollu jista' jitlob zewg prorogi b'massimu ta' tmintax (18) il-xahar. Tali perjodu jista' jdun anki sentejn f'cirkostanzi partikolari elenkati f'dan id-dokument. Wara l-eghluq tal-perjodu, hu x'inhu, jew il-kaz jigi arkivjat jew il- persuna ndagata (jew akkuzata, skont Lo Voi) ghandha tigi notifikata b'Avviso di Conclusione delle Indagini Preliminari. Imbaghad wara dan l-avviz l-indagat ikollu a dispozijoni tieghu l-provi tal-prosekuzzjoni u fi zmien ghoxrin gurnata jjista' jitlob li jigi nterrogat, iressaq provi ohra, anki bil-miktub. Wara din il-fazi il-prosekutur jitlob li l-persuna indagata titressaq il-Qorti.*

*L-appellant ezebixxa wkoll ordinanza tat-Tribunale di Genova, datata 21 ta' Ottubru, 2013 b'referenza ghal certu Papagni Giuliano, li allegatament hu nvolut, flimkien ma l-appellant, f'dan it-traffiku ta' kuntrabandu ta' tabakk. Din il-persuna kienet giet arrestata fit-22 ta' Lulju, 2013 u giet mehlusa fil-21 ta' Ottubru, 2013 meta "Il-Tribunale, sezione di riesame" iddecida li ma kienx hemm ghalfejn jibqa arrestat izda ghandu jkun pront li jiddefendi ruhu 'in prospettiva della successiva fase di giudizio, ove pertanto l'indagato potra' essere chiamato a rispondere*

*senza l'assoluta necessita' che sia matenuto in stato di custodia cautelarre in carcere'.*

*Illi mill-espozizzjoni ta' hawn fuq il-pozizzjoni taljana hi cara. Issa wiehed irid jara kif ser ighaqqad iz-zewg sistemi fl-ambitu tad-Decisjoni Kwadru tat-13 ta' Gunju, 2012.*

*Jidher car li r-Renju Unit solva dan il-problema billi uza l- insenjamenti ta' In Re Ismael u taw lok ghal dan il- 'cosmopiltan approach'. Fil-veru, wahda mill- interpretazzjonijiet li tista' tinghata s-sentenza Assange li l-imhallfin f'dak il-kaz abbinaw kollox mal-koncett ta' "swiftly" billi minn daqqa ta' ghajn superficjali jidher li s- sistema Svediz jixbah ghal dak taljan. Fost l-affarijiet kollha li qalu deher car li kienu certi li l-procedimenti svedizi kienu mghaggla. Tant hu hekk, li biex zgur il- pozizzjoni ngliza jaghmluha car hemm miktub li kieku dan il-kaz gara hemm il-bidu tal-iter processwali kien ikun ferm mghaggel. Essenzjalment, il-pozizzjoni taghna hi l-istess li persuna arrestata trid titressaq il-Qorti fi zmien tmienja u erbghin siegha. Din hi d-differenza bazika bejn iz-zewg sistemi, dak kontinentali u dak nostran. Id-diffikulta' reali hi mhux wisq id-definizzjoni tal-kuncett tal-kustodja kawtelari izda kif ghandu jigi ntegrat fis-sistema taghna. Id-Decisjoni Kwadru pruvat tghaqqad u tinkarna l-ispirtu ewropew tal-pajjizi membri tal-Unjoni. Ghamlita cara li ghandu jkun hemm fiducja fis-sistemi rispettivi izda halliet it-traspozizzjoni ta' dawn il-principji f'idejn il-membri taghha. Ghalhekk, kull membru ghandu vademecum ta' kif irid jinteragixxi mal-membri kollha izda dejjem fir-rispett reciproku tas-sistemi gudizjarji ndividwali. L-inglizi ghamlu din it-traspozizzjoni permezz ta' ligi tal-Parlament. Ahna min-naha taghna utilizzajna s-sistema ta' l-Avviz Legali. Ghalhekk, il-Qrati taghna ma ghandhomx il-beneficcju tal- hsieb tal-legislatur u ghalhekk qatt ma ghandna nitilfu minn quddiem ghajnejna l-ligijiet taghna, specjalment il- Kostituzzjoni taghna. Irrdiu nharsu lejn is-sustanza tal- kuncett, veru, fl-ottika tal-Unjoni Ewropea izda ma nistghux nhallu barra s-salvagwardji li ghandu c-cittadin malti. Id-decizjoni Kwadru kellha l-ghan ewlieni li jitnehha d-dewmien fil-proceduri kif ukoll il-komplessita taghhom u kellha l-effett li tafda dawn il-proceduri f'idejn l-organi gudizzjarji tal-membri rispettivi.*

*Skont l-artikolu 5(4) tal-Ordni l-persuna trid tkun akkuzata. Fil-fatt it-test ingliz hu iktar car. Il-fatt li jinhareg 'ordinanza di custodia cautelare' ifisser li l-persuna hi akkuzata? Kif inghad aktar 'l fuq din l-ordinanza hi ntiza biex l- awtoritajiet gudizzjarji taljani jkollhom a dispozizzjoni l- persuna li huma jahsbu li eventwalment tista' tigi processata. L-unika haga favur dan is-suggett hi li jista' joffri depozizzjoni min rajh biex itaffi l-pozizzjoni tieghu u jigi mehlus mill-arrest izda mhux necessarjament mill- process. Naturalment, il-prosekutur ghandu*

*l-fakolta' li jehilsu minghajr ma jghaddi dak is-suggett minn process penali. Dan l-iter gudizzarju jista' jiehu sa sentejn b'riskju li fl-ahhar anke tigi mehlus. Fil-kaz in ezami jirrizulta mill- mandat li "l'associazione permane alla data odierna". Ghalhekk, hu car li hemm terzi ignoti li l-pulizija taljan ghada qed tfittex. Dan ifisser ukoll li l-investigazzjonijiet ghadhom ghaddejjin.*

*Illi fis-sistema gudizzjarju taghna l-arrest preventiv hu kuncett car li jaghti lok immedjatament ghal bidu tal-iter processwali. Meta persuna titregga Malta, il- prosekuzzjoni ghandha tmienja u erbghin siegha biex tressq dik il-persuna l-Qorti biex twiegeb ghar-reati li jiffurmaw parti tal-MAE. Is-sistema taljan min-naha l-ohra jipprospetta arrest twil sakemm jintemmu l-indagini u jkun hemm 'il rinvio a giudizzio'. L-appellant iprospetta li setghu uzaw l-istitut tal-ittri rogatorji skont l-artikolu 649 tal-Kodici Kriminali biex jekk il-GIP ried jaghmel xi domandi setghu jsiru b'dan il-mod. Din il-Qorti ma taqbilx ma din it-tezi ghas-semplici fatt li l-persuna nterrogata ghandha l-fakolta' li ma twiegibx kemm bl-uzu tal-ittri rogatorji, kif ukoll f'interrogatorji li jista' jsir f'habs taljan.*

*Illi l-Prosekuzzjoni gibdet l-attenzjoni tal-Qorti ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Mejju, 2006 fl-ismijiet; "Carmelo Borg u Geryl Serge v. Il-Ministru Responsabbli mill-Gustizzja u l-Intern u l-Avukat Generali tar-Repubblik ghal kull intererss li jista' jkollu". Fost il- konsiderazzjonijiet l-Qorti qalet "principju bazilari huwa dak tal-fiducja reciproka li dawn il-pajjizi ghandhom fis- sistema gudizzjarju ta' xulxin". Din il-Qorti taqbel perfettament ma dan l-insenjament. Dan il-kuncett ghandu jigi nkwadrat ukoll fil-qafas tal-ligijiet taghna. Il- partijiet qablu ma tali tezi u talba maghmula permezz ta' MAE ma ghandhiex tittiehed vangelu cekament. Il-forma u il-kontenut ghandhom jigu verifikati skont dak li tippermetti l-ligi nostrana u cioe' l-Avviz Legali 320 ta' l- 2004. Madankollu hemm limiti mposti mill-legislazzjoni taghna. Mhux hekk biss, izda l-gurisprudenza inglizi fuq il- 'cosmopolitan approach' hi wahda kawta u mhux wiesa, hi dejjem temperata minn konsiderazzjoni ohra li jemergu mill-kaz partikolari. Assange docet.*

*Il-Ligi taghna tezigi li fi procediment penali jkun hemm akkuzat. Dan hu rifless fl-artikolu 5(4) tal-Ordni. Wiehed jista' jargumenta li ma ghandniex ninterpretaw dan l- artikolu f'din il-manjiera. It-traspozizzjoni tad-Decisjoni Kwadru kienet responsabilita' taghna. Illum, ma nistghux nghidu li l-kelma 'akkuzat' ghandha tinghata tifsira ohra biex inkun iktar kosmopoliti. Jekk dan il-kuncett hu ta' problem ir-rimedju hu car u jirrikjedi l-intervent tal- legislatur.*

*Illi minn dan kollu jemergi li l-MAE kif mahrug mill- awtoritajiet taljani sempliciment ghal 'ordinanza di custodia cautelare' ma jghaddix it-test tal-artikolu 5(4) ta' l-Ordni. Hu car li f'dak l-istadju l-persuna ghadha persuna ndagata u mhux akkuzata. Kif l-awtoritajiet taljani jaghlqu l-investigazzjoni taghhom u jinhareg MAE ghal 'rinvio a giudizio' ma ghandu jkun hemm ebda ostakolu ghat- trasferiment tas-suggett fil-gurisdizzjoni taljana.'*

Il-Qorti tal-Appell taghmel referenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **'The Police (Inspector Mario Cuschieri) v. Johan Germaine Corneille Van Oudenhove, son of Andre', born in Dendermonde, Belgium, on the 17th May, 1963, holder of Belgian identity card number 591-6053433-56'**[15] fejn gie kkunsidrat li:
*'The grievance which the appellant has brought to the attention of this Court is that essentially he has not been accused in the Belgian Courts of an offence but he is wanted solely and exclusively for the purposes of investigation of the crime of abuse of confidence under article 491 of the Belgian Criminal Code.*

